2025/665

2.4.2025

DEĊIŻJONI (UE) 2025/665 TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tas-26 ta' Marzu 2025

li taħtar Imħallfin fil-Qorti Ġenerali

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 254 u 255 tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati ta' sitta u għoxrin Imħallef fil-Qorti Ġenerali ser jiskadu fil-31 ta' Awwissu 2025. Jenħtieġ li jsiru ħatriet biex jimtlew dawn il-karigi għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2025 sal-31 ta' Awwissu 2031.

(2) F'dan l-isfond, ġie propost it-tiġdid tal-mandati tas-Sur Hervé CASSAGNABÈRE, tas-Sur Saulius Lukas KALĖDA, tas-Sur Ulf ÖBERG, tas-Sa Tamara PERIŠIN, tas-Sur David PETRLÍK, tas-Sa Inga REINE, tas-Sa Petra ŠKVAŘILOVÁ-PELZL, tas-Sur Laurent TRUCHOT u tas-Sur Pēteris ZILGALVIS bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali.

(3) Barra minn hekk, is-Sur Francesco BESTAGNO u s-Sa Tanja PAVELIN ġew proposti għall-ewwel mandat bħala Mħallef tal-Qorti Ġenerali.

(4) Barra minn hekk, skont l-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u wara l-ħatra tas-Sur Rimvydas NORKUS bħala Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, jenħtieġ li jinħatar Imħallef fil-Qorti Ġenerali għall-bqija tal-mandat tas-Sur Rimvydas NORKUS, jiġifieri sal-31 ta' Awwissu 2025. Is-Sa Danutė JOČIENĖ ġiet nominata għall-kariga li saret vakanti.

(5) Finalment, skont l-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u wara l-ħatra tas-Sur Fredrik SCHALIN bħala Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja, jenħtieġ li jinħatar Imħallef fil-Qorti Ġenerali għall-bqija tal-mandat tas-Sur Fredrik SCHALIN, jiġifieri sal-31 ta' Awwissu 2025. Is-Sur Jörgen HETTNE ġie nnominat għall-kariga li saret vakanti.

(6) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni favorevoli dwar l-idoneità ta' dawn il-kandidati għall-qadi tal-funzjonijiet ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin Imħallfin fil-Qorti Ġenerali għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2025 sal-31 ta' Awwissu 2031:

— Is-Sur Francesco BESTAGNO,

— Is-Sur Hervé CASSAGNABÈRE,

— Is-Sur Saulius Lukas KALĖDA,

— Is-Sur Ulf ÖBERG,

— Is-Sa Tanja PAVELIN,

— Is-Sa Tamara PERIŠIN,

— Is-Sur David PETRLÍK,

— Is-Sa Inga REINE,

— Is-Sa Petra ŠKVAŘILOVÁ-PELZL,

— Is-Sur Laurent TRUCHOT,

— Is-Sur Pēteris ZILGALVIS.

Artikolu 2

Huma b'dan maħturin Imħallfin fil-Qorti Ġenerali għall-perjodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni sal-31 ta' Awwissu 2025:

— Is-Sur Jörgen HETTNE,

— Is-Sa Danutė JOČIENĖ.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Marzu 2025.

Il-President

A. BARTOL